MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 106/7

Il-Ġimgħa 06 ta' Lulju 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

NIL

ASSENTI

Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

106.1 Kuntratt Ġbir ta' Skart

106.2 Tmiem tal-laqgħa.

-----------------------------------------------------------

## Minuti

Il-laqgħa bdiet fis-6.13pm wara talba qasira minn dawk preżenti.

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi spjega r-raġuni għaliex kien hemm bżonn li din il-laqgħa tissejjaħ b'urġenza.

**106.1.0 Kuntratt ġbir ta' skart**

106.1.1 Is-Sindku stqarr li fil-Ħadd 03 ta' Lulju 2018 kien ċempillu s-Sur Bryden Azzopardi fejn kien urieh li kien fi ħsiebu jieqaf jagħti s-servizz peress li d-dħul tiegħu minn dan il-kuntratt kien baxx ħafna mentri l-ispejjeż kienu żdiedu. Is-Sindku qal li kien widdeb lis-Sur Azzopardi li ma setax jieqaf jagħti s-servizz ta' ġbir ta' skart kif kien miftiehem mal-Kunsill skont il-kuntratt prevalenti.

Is-Sindku qal li meta s-Sur Azzopardi kompla li kien fi ħsiebu li jieqaf, is-Sur Azzopardi kellu jagħmel dan bil-miktub wara li jiżen sewwa l-obbligazzjonijiet tiegħu fil-kuntratt lejn il-Kunsill.

Saret diskussjoni dwar id-diversi nuqqasijiet li kien qed jikkometti l-kuntrattur is-Sur Azzopardi fil-ġbir tal-iskart. Kien hemm ġranet li l-iskart ma nġabarx f'partijiet tal-Gudja, ġranet fejn l-ebda skart ma kien inġabar u xi ġranet li l-iskart li kien ilu barra qabel it-8.00am ta' filgħodu nġabar wara l-5.00pm ta' filgħaxija.

Il-Kunsill innota li l-aġir tas-Sur Azzopardi mar għall-agħar speċjalment meta l-Kunsill talab lil dan l-istess kuntrattur sabiex jagħti informazzjoni u dokumentazzjoni dwar persuni li kienu qed jitqabbdu minnu sabiex jiġbru l-iskart domestiku kif ukoll il-vetturi li qed jiġu użati sabiex jiġbru l-istess skart.

Ġara illi l-kuntrattur webbes rasu u waqaf ħabta u sabta. Il-Kunsill kellu jieħu azzjoni sabiex jitlob li s-servizz ta' ġbir tal-iskart jingħata b'urġenza u b'mod immedjat.

Waqt diskussjoni dwar dak li seħħ u għaliex ġara dak li ġara is-Sur Baldacchino staqsa lis-Sindku "jekk allura kont ilek taf sa mill-Ħadd li s-Sur Azzopardi beda jhedded li sejjer jieqaf għaliex ma nfurmajt lil ħadd dwar dan u kellna nieħdu azzjoni meta beda t-tgergir u l-paniku tan-nies?'. Dwar dan is-Sindku wieġeb li meta beda jipprova jagħmel kuntatt mas-Sur Azzopardi dan qata' t-telefon u ma bediex iwieġeb.

Is-Sur Baldacchino qal li min-naħa tiegħu ħadem mal-Kunsill sabiex jikseb il-pariri meħtieġa dwar servizz ta' emerġenza u s-sitwazzjoni ġiet għan-normal fi żmien qasir meta l-Kunsill ta' *direct order* lill-Progressive Solution bir-rata ta' €110.00 +VAT ta' 18% kuljum inkluż ħdud u festi. B'mod unanimu l-Kunsill qabel, irratifika u approva dan il-ftehim ta' servizz ta' emerġenza bir-rata indikata u għal żmien temporanju u dan sas-27 ta' Lulju 2018

106.1.2 Deċiżjoni: Il-Kunsill iddeċieda li peress il-kuntrattur waqaf ħabta u sabta u abbanduna l-kuntratt bi ħsara għall-Kunsill u r-residenti tal-Gudja, il-Kunsill għandu jinforma lill-kuntrattur li dan il-kuntratt issa ġiet it-terminat u li l-kuntrattur għand jiġi mitlub sabiex jillikwida d-danni jħallas l-multi kif speċifikat fil-kuntratt.

Il-Kunsill qabel li l-ebda ħlas ma għandu jingħata lill-Kuntrattur jew lil xi terzi persuni li jistqarru li kienu qed jaġixxu f'isem il-kuntrattur Bryden Azzopardi.

Il-Kunsill iddeċieda li fiċ-ċirkustanzi għandu jintalbu l-pariri legali tal-avukat tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jipproteġi l-interessi tiegħu u li jikseb il-massimu ta' dak li jista' jkun dovut lill-Kunsill f'dawn iċ-ċirkustanzi.

Il-Kunsill ħa wkoll konjizzjoni tal-offerti li kien irċieva meta oriġinaljament infetħu t-tenders.

Il-Kunsill ħares lejn diversi aspetti taż-żewġ offerenti speċjalment meta l-Kunsill kien talab għas-servizz tal-iskip mentri issa l-Kunsill ma għandux jitlob li jitpoġġew skips għal skart domestiku fil-Gudja.

Il-Kunsill qabel li peress li jixtieq li jkun qed jimxi kompletament mal-proċeduri tat-tenders u Procurement, li jitlob il-pariri tad-Direttur tal-Gvern Lokali kif ukoll tad-Direttur tal-Kuntratti qabel ma jiddeċiedi dwar l-għażla finali.

F'dawn iċ-ċirkostanzi u peress li b'dak li għamel il-Kunsill ma jixtieqx jaqbeż l-ammont awtorizzat ta' €5000.00 b'*direct order*, il-Kunsill qabel u ddeċieda li jġedded il-ftehim ta' emerġenza għal 15-il ġurnata oħra, jiġifieri sas-27 ta' Lulju 2018 bil-għan li fil-fratemp jirċievi l-pariri meħtieġa u jkun jista' jidħol fil-kuntratt mal-offerent li kien għamel l-aħjar offerta (wara dik ta' Bryden Azzopardi) meta l-Kunsill kien ħareġ oriġinarjament is-sejħa għall-offerti dwar ġbir ta' skart domestiku ġewwa l-Gudja jew kull parir ieħor sabiex il-Kunsill jimxi skont il-proċeduri dwar il-procurement tas-servizz dwar il-ġbir tal-iskart domestiku.

**106.2.0 Għeluq tal-laqgħa**

106.2.1 Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa b'urġenza ġiet eżawrita, is-Sindku għalaq il-laqgħa fis-6.50pm sine die.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv